Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 517/2015

Il-Pulizja

Spettur Jurgen Vella

Vs

Mark Micallef

Illum 26 ta' Mejju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Mark Micallef detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 408764 M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Għan-nom u in rappreżentanza ta' SHOEMARKET RETAIL STORES LTD u / jew bħala persuna reġistrata mal-Kummisarju tat-Taxxa dwar il-valur Miżjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-valur miżjud (Att Nru XXIII ta' l-1998) u regolamenti magħmula bis-saħħa ta' l-istess Att, naqas sal-ħmistax-il jum tat-tieni xahar li jiġi wara l-aħħar jum li fih intemmu ż-żminijiet ta' taxxa relattivi li jibgħat lill-Kummisarju tat-Taxxi (14) id-denunzji, flimkien mal-ħlas dovut, li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fil-31 ta' Diċembru, 2010 sal-31 ta' Marzu, 2014 u dan bi ksur tal-artikolu 27, 66, 76 (c) u 76 (d) ta' l-Att Nru XXIII ta' l-1998.

Il-Qorti, ġiet mitluba li f' każ ta' ħtija;

1. Li tinfliġġi l-piena skond il-liġi jew,
2. Minbarra li tinfliġġi l-piena skond il-liġi, fuq talba tal-prosekuzzjoni tordna lill-imputat jikkonforma ruħu mal-liġi fiż-żmien biżżejjed sabiex jagħmel dan, liema żmien m' għandux jeċċedi tlett xhur, taħt multa ta' mhux inqas minn ħames Ewro kuljum li dak in-nuqqas ikompli wara li jgħaddi l-imsemmi żmien mogħti mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-5 ta' Novembru, 2015, fejn il-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah multa ta' tmien mitt Ewro (€800).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mark Micallef, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-17 ta' Novembru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza mogħtija fil- 5 ta' Novembru, 2015, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (kif preseduta mill-Onor. Maġistrat Dr. D. Clarke LL.D. fil-kawża fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Mark Micallef)u jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joġgħobha tilqa' dan l-appell fis-sens illi tilliberrah minn kull imputazzjoni u ħtija jew f' każ illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tikkonferma is-sentenza tal-Ewwel Qorti in rigward tar-reita', l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena, billi inflok tinfliġġi piena aktar ġusta u ekwa għall-każ odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Mark Micallef huwa s-segwenti w cioe':-

1. Illi waqt is-smiegħ tal-kawża l-appellant talab il-possibilita' li jipproduċi provi dokumentarji li ma kienux f' idejh sabiex jipprova li dawn ġew ppreżentati lid-Dipartiment izda tali talba ġiet nnegata mill-Ewwel Qorti;
2. Illi mix-xhieda tal-imputat waqt is-smiegħ tal-każ huwa kkonferma laqgħat li kien hemm u li huwa għadda tali VAT returns;

3. Illi ladarba dawn ma ġewx ipproċessati mid-Dipartiment ma kienx ġust li l-imputat jinsab ħati ta' nuqqas ta' ħaddieħor;
4. Illi di piu sabiex issir ġustizzja l-esponent iħoss li tenut kont taċ-ċirkustanzi kellu jkollu l-opportunita' li jġib il-prova li d-dokumenti kienu preżentati lid-Dipartiment liema prova ġiet neċċessarja biss fil-mument li rappreżentanti tad-Dipartiment seduta stante ma kienux a konoxxenza tagħhom.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti iressaq diversi lmenti kontra d-decizjoni impunjata. Jilmenta mill-fatt illil ma giex koncess lilu mill-Ewwel Qorti jipproduci provi dokumentarji biex jissostanjaw id-difiza tieghu illi d-denunzji mertu tal-kaz kienu gew ipprezentati lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema denunzji ma gewx ipprocessati mid-Dipartiment. Illi dan il-fatt qam fil-mori tal-kawza quddiem l-Ewwel Qorti billi ir-rapprezentanti tad-Dipartiment li xehdu waqt il-proceduri stqarrew illi huma ma kenux a konoxxenza ta' dan il-fatt.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti kellha l-opportunita li tisma' mill-gdid ix-xhieda kollha li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti u di piu' fis-seduta tal-25 ta' Frar 2016 giet milqugha it-talba ta'l-appellanti sabiex jixhed is-sur Ivan Portelli rapprezentant tad-Dipartiment u li mieghu l-appellanti kellu xi diskussjonijiet sabiex jasal ghall-arrangament mad-Dipartiment biex jehles mill-pendenzi tieghu tat-taxxa, u dan wara investigazzjoni li bdiet fl-2010 fejn allura l-appellanti waqaf mill-operazzjonijiet kummercjali tieghu. Dan ix-xhud xehed fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2016 fejn sahansitra gab mieghu il-file ta'l-appellanti mid-Dipartiment. Huwa fil-fatt jikkonferma illi kellu laqghat mal-appellanti fejn kien tah parir sabiex jipprocedi ghal de-registration li fil-fatt saret b'effett mill-1 ta' Mejju 2015. Isostni madanakollu illi mil-file relattiv u mis-sistema tad-Dipartiment ghadu jirrizulta illi d-denunzji relattivi ghal perijodu 2013 sal-2014 flimkien mal-hlas relattiv baqghu ma gewx sottomessi lid-Dipartiment. Illi fil-fatt

jirrizulta mix-xhieda tar-rapprezentanti tad-Dipartiment u cioe' kemm mix-xhieda ta' Mark Micallef kif ukoll ta'l-istess Ivan Portelli illi l-hlasijiet baqghu ma sarux minhabba l-investigazzjoni li kienet ghaddejja.

Illi allura dak li johrog mill-provi huwa illi ghal perijodu bejn l-2010 u l-2013 ghalkemm id-denunzji gew ipprezentati, madanakollu dan sar minghajr il-hlas relattiv tat-taxxa dovuta. Ghal-perijodu bejn l-2013 u l-2014 imbaghad jidher illi ma gewx ipprezentati id-denunzji u allura wisq anqas il-hlas tat-taxxa ghal dak il-perijodu.

Illi allura kif gustament ikkonkludiet l-Ewwel Qorti ma hemmx dubbju illi l-akkuza tirrizulta ippruvata ghaliex anke jekk gratia argomenti din il-Qorti kellha temmen il-verzjoni ta'l-appellanti xortawahda ghandu jirrizulta illi dawn id-denunzji gew ipprezentati tardivament biex b'hekk huwa sar hati tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 76(c) u (d) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u dana meta huwa naqas li jottempera ruhu ma' dak dispost fl-artikolu 27 li ighid:

**"Kull persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 għandha tagħmel denunzja lill-Kummissarju għal kull żmien ta' taxxa sa mhux aktar tard mill-ħmistax-il jum tat-tieni xahar li jiġi wara x-xahar li matulu jintemm iż-żmien ta' taxxa relattiv."**

Ghaldaqstant din il-Qorti mara tara l-ebda mottiv la legali u lanqas fattwali li jista' igieghla titbieghed mid-decizjoni milhuqa mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur